**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Gunju, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 582/2006 AF**

**Joseph Cassar, Evelyn mart Saviour Brincat, Doris mart Emanuel Bugeja, Emanuela sive Lilian Frendo, Grace armla ta' Joseph Difesa, Mary Stella Cassar, Margaret mart Carmelo Bonello**

**vs**

**Agostina Hatherly Cassar**

**u**

**Romina mart Johann Lovegrove u Roberto Cassar ghal kull interess li jista' jkollhom**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponent, hutu l-atturi l-ohra u l-konvenuti neputijiet Romina Lovegrove u Roberto Cassar huma l-kompropjetarji tal-fond 4/2 (gja 46/2), Triq San Frangisk, Floriana.

Il-konvenuti Romina Lovegrove u Roberto Cassar huma ulied il-mejjet Michael Angelo Cassar, li kien jigi hu l-atturi u r-ragel tal-konvenuta Agostina Hatherly Cassar.

L-esponent, hutu l-atturi l-ohra, u l-mejjet huhom Michael Angelo Cassar kienu wirtu l-fond 4/2 (gja 46/2), Triq San Frangisk, Floriana, minghand il-genituri taghhom. Il-konvenuti Romina Lovegrove u Roberto Cassar huma l-eredi ta' missierhom Michael Angelo Cassar (Dok. JC1).

Michael Angelo Cassar kien jikri l-fond 4/2 (gja 46/2) Triq San Frangisk, Floriana, minghand l-esponent u hutu l-atturi l-ohra bil-kera ta' erbghin lira (Lm40) fis-sena kull sena bil-quddiem.

Ghalkemm il-fond 4/2 (gja 46/2) Triq San Frangisk, Floriana kien id-dar taz-zwieg ta' Michael Angelo Cassar u l-konvenuta Agostina Hatherly Cassar, fit-2 ta' Dicembru 2004, l-istess Michael Angelo Cassar u l-konvenuta Agostina Hatherly Cassar ghamlu kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fejn "inter alia" ftehmu li l-lokazzjoni tad-dar taz-zwieg tghaddi f'isem Michael Angelo Cassar wahdu u fejn il-konvenuta Agostina Hatherly Cassar irrinunzjat ghal kull dritt ta' abitazzjoni li kellha jew li seta' jkollha fuq l-istess fond (Dok. JC2).

Michael Angelo Cassar miet ftit aktar minn tliet xhur wara li sar dan il-kuntratt u cioè fis-6 ta' Marzu 2005 u, ghalkemm bejn id-data tas-separazzjoni konsenswali u d-data tal-mewt tieghu, il-konvenuta Agostina Hatherly Cassar baqghet tabita fil-fond *de quo* ghal ragunijiet li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, hi u zewgha baqghu qatt ma rrikonciljaw u ghalhekk l-effetti tal-kuntratt tas-separazzjoni konsenswali ta' bejniethom baqghu fis-sehh.

Il-konvenuta Agostina Hatherly Cassar qed tokkupa l-fond *de quo* minghajr titolu validu fil-ligi u qed tirrifjuta li tizgombra minnu ghalkemm kienet hekk interpellata bonarjament.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta Agostina Hatherly Cassar qed tokkupa l-fond 4/2 (gja 46/2) Triq San Frangisk, Floriana, minghajr titolu validu fil-ligi.

2. Tikkundanna lill-istess konvenuta Agostina Hatherly Cassar sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss lilha minn din il-Qorti, tizgombra mill-fond 4/2 (gja 46/2) Triq San Frangisk, Floriana.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-28 ta' Frar 2006, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni u bir-riserva ta' kwalsiasi azzjoni ghal danni li tispetta lill-atturi skond il-ligi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew illi:

Il-konvenuta Agostina Hatherly Cassar qieghed tokkupa l-fond 4/2 gjà 46/2 Triq San Frangisk, Floriana bis-sahha ta' titolu validu fil-ligi u cioè b'titolu ta' lokazzjoni u dan kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

In oltre minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti skond il-ligi tal-Kera hija kerrejja protetta tal-fond in kwistjoni bhala l-armla ta' Michael Angelo Cassar.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti annessi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta'din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti ssib illi l-konvenuta Agostina Hatherly Cassar qiegħda tokkupa l-fond 4/2 ġja 46/2, Triq San Franġisk, Floriana, mingħajr l-ebda titolu validu fil-liġi u għaldaqstant, qegħdin jitolbu lill-Qorti tordnalha tiżgombra mill-imsemmi fond. Dan għaliex huma jikkontendu li l-konvenuta kienet legalment separata minn ma żewġha l-inkwilin fiż-żmien tal-mewt tiegħu u allura ma tikwalifikax legalment bħala l-inkwilina tal-fond.

Da parti tagħhom, il-konvenuti jilqgħu għat-talbiet attrici billi jeċċepixxu li l-konvenuta Agostina Hatherly Cassar qiegħda tokkupa l-fond *de quo* b'titolu validu ta' kera u li fi kwalunkwe każ hija tikkwalifika bħala inkwilina protetta tal-fond in kwistjoni bħala l-armla ta' Michael Angelo Cassar.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-fond 4/2 ġja 46/2, Triq San Franġisk, Floriana, huwa proprjetà tal-atturi u l-konvenuti Romina Lovegrove u Roberto Cassar, dawn tal-aħħar bħala eredi ta' missierhom Michael Angelo Cassar. L-imsemmi Michael Angelo Cassar kien jikri l-fond *de quo* mingħand ħutu l-atturi bil-kera ta' Lm40, illum €93.17, fis-sena, kull sena bil-quddiem.

Permezz ta' att pubbliku datat 2 ta' Diċembru 2004, il-konvenuta Agostina Hatherly Cassar isseparat legalment minn ma' żewġha Michael Angelo Cassar. F'dan l-att ġie ddikjarat illi l-konvenuta kienet qiegħda tirrinunzja għall-kirja tal-fond in kwistjoni. Michael Angelo Cassar kien ibati mill-vizzju tax-xorb, liema vizzju sfortunatament wassal għall-mewt prematura tiegħu fis-6 ta' Marzu 2005.

Minkejja li l-konjugi legalment mifruda, il-konvenuta baqgħet tgħix fil-fond ma' żewġha sal-ġurnata tal-mewt tiegħu. Hija tikkontendi li hija resqet għall-kuntratt ta' separazzjoni sabiex tbeżża' lill-żewġha biex forsi joħroġ mill-vizzju tax-xorb u li wara li sar il-kuntratt kienu rrikonċiljaw tant illi baqgħu jgħixu bħala miżżewġin sa ma miet Michael Angelo Cassar. Il-konvenuta tgħid għalhekk illi hija tgawdi minn titolu validu ta' kera bħala l-armla ta' żewġha l-inkwilin. L-attriċi Maria Stella Cassar tikkontendi li l-konvenuta dejjem kienet tgħidilha li hija beħsibha titlaq mid-dar kif tiżżewweġ bintha l-konvenuta

Romina Lovegrove. Din tal-aħħar iżżewġet ftit jiem wara li miet missierha. Wara li miet Michael Angelo Cassar, l-atturi ma aċċettawx aktar il-kera mingħand il-konvenuta għaliex isostnu li m'għandhiex titolu validu ta' kera.

Mill-provi prodotti din il-Qorti hija sodisfatta li huwa minnu li d-defunt Michael Angelo Cassar kien jiddependi fuq ix-xorb. Din id-dipendenza kienet serja tant illi wasslet għall-mewt tiegħu fl-età ta' 56 sena.

Il-Qorti hija sodisfatta wkoll illi l-atturi mmanifestaw l-intenzjoni tagħhom li ma jġeddux il-kirja tal-fond billi rrifjutaw il-kera mingħand il-konvenuta, liema kera llum qiegħda tiġi ddepożitata taħt l-awtorità tal-Qorti, u allura l-konvenuta ngħatat il-konġedo skont il-liġi.

Peress illi Michael Angelo Cassar miet fl-2005, mhumiex applikabbli għall-każ l-emendi introdotti permezz tal-Att X tal-2009. Isegwi għalhekk illi huwa applikabbli l-artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini (Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan l-artikolu jiddisponi li:

> "*"kerrej" tfisser ukoll -*
>
> *(a) l-armla jew l-armel ta' kerrej basta li r-raġel u l-mara, fiż-żmien tal-mewt tal-kerrej, ma jkunux, legalment jew fil-fatt, mifrudin minn xulxin;*
>
> *(b) fil-każ ta' dar ta' abitazzjoni, meta l-kerrej ma jħallix warajh armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal kerrej li jkunu joqogħdu miegħu fiż-żmien tal-mewt tiegħu."*

Mhuwiex kontestat illi fiż-żmien tal-mewt tal-kerrej Michael Angelo Cassar, il-konvenuta kienet legalment mifruda minn miegħu. L-att ta' separazzjoni ma ġiex imħassar permezz ta' att ieħor. Għalhekk, hija ma tistax tikwalifika bħala inkwilina qua l-armla tiegħu.

Jibqa' biex jiġi determinat jekk il-konvenuta tistax tiġi kkunsidrata taħt it-tieni subinċiż u ċioè bħala membru tal-

familja tal-kerrej li kienet toqgħod miegħu fiż-żmien tal-mewt tiegħu.

Minkejja li huwa minnu li l-konvenuta rrinunzjat għall-inkwilinat tal-fond, dan il-ftehim huwa *res inter alios acta* għall-atturi u ftit li xejn jimpinġi fuq il-kwistjoni mertu ta' din il-kawża li hija waħda fattwali, u ċioè jekk il-konvenuta għandhiex tiġi kkunsidrata bħala membru tal-familja tal-kerrej.

Fil-każ fl-ismijiet John Azzopardi vs Lawrence Triganza, deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-20 ta' Ottubru 2003 intqal li:

> *"Fuq l-iskorta ta' l-insenjament fil-kawza "**Palmier –vs- Biggerstaff**", Appell Civili 25 ta' Marzu 1960 gie ritenut illi "l-kelma "familja" fil-kontest tal-Kap 109 (illum Kap 69), fin-nuqqas ta' kliem iehor li jillimita s-sinjifikat taghha, ghandu jkollha t-tifsir ordinarju taghha u m'ghandiex tinghata ebda nterpretazzjoni stretta. It-test li ghandu jigi applikat huwa jekk bniedem ordinarju kienx iqis lil persuna in kwestjoni bhala membru tal-familja tal-kerrej ... ... Normalment jitqiesu bhala membri tal-familja tal-kerrej dawk kollha li joqoghdu mieghu permanentement fis-sens li jaghmlu d-dar taghhom mieghu" – "**Vincent Zammit –vs- Vincent Kerr**", Appell, Sede Inferjuri, 11 ta' Marzu 1966."*

L-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Katald Galea vs Denise Galea et tal-21 ta' Ottubru 2016 ukoll ċitat ġurisprudenza dwar is-suġġett u qalet hekk:

> ***"Il-kunċett ta' "familja" mhux definit mill-Kap 69, u għalhekk għandu jittieħed fit-tifsira komuni tiegħu. Il-Qrati għalkemm kienu jirrestrinġu l-kunċett għal min ikun qarib bid-demm, biż-żmien wessgħu dan il-kunċett.***
>
> *"hu fatt li fid-Dritt Giustinianeo, u precizament bin-Novella 118, il-koncett espress tal-kelma "familja" gie estiz u aktar armonizzat mas-sens naturali, u liberat mill-artificjalita` tal-"patria potestas", u gie maghmul li jikkomprendi **dawk kollha kongunti permezz tad-demm u dixxendenti wahda mill-ohra jew minn stipiti komuni**." (**Wisq Rev.***

***Padre Leone Zammit –vs- Antonio Farrugja et**, Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), 13 ta' Gunju 1953).*

*"b'applikazzjoni tad-Dritt tal-Gustinjan (Novella 118), is-sentenza riportata a **Vol.XXXVII P I p 568** ikkomprendiet fit-tifsira tal-kelma "familja", "dawk kollha kongunti permezz tad-demm u dixxendenti wahda mill-ohra jew minn stipiti komuni"… tajjeb li jigi rilevat illi **skond kazistika aktar recensjuri** gie profess li t-tifsira ta' l-espressjoni **"membri tal-familja" tal-kerrej ma kellhiex tkun ristretta ghall-konsangwini biss.** Intqal a propozitu fis-sentenza '**Joseph Caruana -vs- Salvu Pulis**', Appell Inferjuri, 3 ta' Dicembru 1975: '**hekk kif is-semplici parentela mhix bizzejjed biex wahedha u dejjem tirrendi lil dak li jkun membru tal-familja tal-kerrej ghall-finijiet premessi, hekk ukoll il-fatt li wiehed ma jkunx imparentat fis-sens strett u formali mhuwiex wahdu u dejjem sufficcjenti biex jeskludih mill-'membership' tal-familja** tal-kerrej ghax jista', fil-kazijiet kongruwi u in principju eccezzjonali, ikun hemm **cirkostanzi specjali** li jiggustifikawh jitqies tali mill-bnedmin ordinarji, u huwa dan it-test li jigi applikat ghall-finijiet tad-**disposizzjoni korrispondenti tal-ligi Ingliza** li minnha din taghna hi ispirata … Hekk per ezempju hawn Malta f' '**Vincent Zammit -vs- Vincent Kerr**', Appell Inferjuri, 11 ta' Marzu 1966 gie deciz li l-konvenut li kien ilu snin jghix mal-kerrej, kien isejjahlu 'missier' u n-nies kollha kienu jafuh bhala ibnu, kien jew ma kienx iben naturali tieghu, xorta wahda kellu fic-cirkostanzi jitqies li kien membru tal-familja tieghu ghall-finijiet ta' din il-ligi" **George Bugeja v Joseph Spiteri**, 10.05.2006, Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, din il-Qorti ssib li ċ-ċirkostanzi speċjali ta' dan il-każ jimmeritaw li l-konvenuta tiġi kkunsidrata bħala membru tal-familja tal-kerrej. Mill-provi prodotti ħareġ ċar illi l-ħajja matrimonjali bejn il-konvenuta u żewġha kienet waħda diffiċli riżultat tal-fatt li Michael Angelo Cassar kien jabbuża mix-xorb. Din il-problema spiċċat sabiex irrovinatlu ħajtu. Il-konvenuta ħasset illi ma kellhiex għażla oħra għajr illi tissepara legalment minn ma' żewġha bit-tama li

jegħleb il-vizzju. Sfortunatament, ftit tax-xhur wara, Michael Angelo Cassar safa vittma tad-dipendenza tiegħu, b'dan illi miet biss tlett xhur wara li ġie finalizzat il-kuntratt ta' separazzjoni. Madanakollu, il-konvenuta baqgħet sal-aħħar tgħix miegħu daqs li kieku ma kinux legalment mifruda. Mid-deskrizzjoni tal-partijiet dwar l-istat li kien jinsab fih Michael Angelo Cassar fl-aħħar żmien ta' ħajtu, din il-Qorti ftit li xejn għandha dubju li dak iż-żmien il-konvenuta kienet tieħu ħsiebu daqslikieku ma kienux mifruda u baqgħet hekk tieħu ħsiebu sakemm daħal l-isptar fejn spiċċa sabiex miet. Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenuta aġixxiet sal-aħħar bħala membru tal-familja ta' żewġha, minkejja li minn miegħu kienet legalment separata.

In kwantu li mhuwiex kontestat illi l-konvenuta Agostina Hatherly Cassar kienet tgħix mad-defunt Michael Angelo Cassar fiż-żmien tal-mewt tiegħu, isegwi għalhekk illi bħala membru tal-familja tiegħu hija għandha kull dritt li tkompli fl-inkwilinat a tenur tal-artikolu 2 tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħhom.

IMHALLEF

DEP/REG